MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 869/2009

bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Ryan Briffa, iben Alfred, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Marzu, 1990, Karta ta’ l-Identita numru 169990(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli ġewwa Ħaż-Żabbar, fid-29 ta’ Ġunju, 2009 bejn il-5.55 a.m. u is-6.35 a.m., bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe’ serq mir-residenza numru 47, Triq San Ġuzepp, Żabbar wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-

esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri €232.94 u bil-lok, għad-dannu ta' Paolo Bonavia, anzjan ta' aktar minn sittin sena;
2. talli kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu fil-15 ta' Ġunju, 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tittratta lill-imputat bħala reċidiv skkont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-15 ta' Ġunju, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(ċ)(e) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------